MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2004

Ċitazzjoni Numru. 1742/2001/1

**Kawza Nru: 8**

**Citaz Nru: 1742/01 JA.**

**Registratur tal-Qrati.**

**-vs-**

**Martin Gaffarena.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fit-2 ta’ Novembru, 2001 li permezz tieghu l-attur ippremetta:

1. Illi l-attur gie notifikat fit-28 ta’ Awissu, 2001 (Dok A), bid-digriet ta’ din il-Qorti ta’ l-14 ta’ Mejju, 2000 (Dok B), fl-
atti tal-kawza Martin Gaffarena –vs- Doreen Zammit et (Citazzjoni Numru 111/99NA), u dan biex huwa jipprocedi kontra Martin Gaffarena ghal disprezz tal-Qorti a tenur ta’ l-artikolu 1003A tal-Kap 12;

1.1 Illi l-imsemmi diriet jaghmel referenza ghar-rikors tal-5 ta’ Mejju, 2001, ta’ l-Avukat Tonio Azzopardi (Dok C);

1.2 Illi f’ dan ir-rikors l-Avukat Azzopardi ppremetta illi fis-seduta tat-3 ta’ Mejju, 2000, qudiem l-Assistant Gudizzjarja Avukat Monica Borg Galea, l-intimat Martin Gaffarena beda jghajjar lir-rikorrent skond kif indikat fl-istess rikors, u l-Avuakt Azzopardi “talab lill-Qorti biex jinbdew proceduri ghal disprezz lejn l-Awtorita’ taghha u dan wara xi kliem li allegatament intqal mill-attur fil-konfront ta’ dan id-difensur fis-seduta quddiem l-Assitenta Gudizzjarja tat-3 ta’ Mejju, 2000.”;

1.3 Illi fl-istess digriet hemm referenza ghas-seduta tas-6 ta’ Ottubru, 2000, quddiem din il-Qorti, meta l-Assitenta Gudizzjarja Avukat Monica Borg Galea kkonfermat “dak li jsostni d-difensur tal-konvenuti fit-tieni rikors (cioe’ dak tal-5 ta’ Mejju, 2000), u dana fl-intier tieghu.”;

1.4 Illi fl-istess digriet il-Qorti qalet illi “Ma hemmx dubju li l-kliem li ntqal huwa jekk mhux ingurjuz zgur offensiv u oggezzjonabbli. Di piu’ dan il-kliem intqal lill-ufficcjal tal-Qorti waqt il-qadi ta’ dmirijiet tieghu.”;

1.5 Peress illi l-Qorti laqghet it-talba ta’ l-Avukat Azzopardi u ordnat li attur *qua* Registratu tal-Qrati biex jipprocedi kontra Martin Gaffarena ghal disprezz tal-Qorti a tenur ta’ l-artikolu 1003 A tal-Kapitolu 12, kif inghad;

2. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghalhekk jitlob lill-din l-Onorabbli Qorti ghalhiex m' ghandhiex:

a. Issibu hati ta' disprezz lejn l-awtorita' taghha skond il-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, it-Tielet Ktieb, Titolu XVII;
b. Tikkundannah ghall-pieni hemm indikati.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjrazzjoni ta' l-attur mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenutipprezentata fl-4 ta' Jannar, 2002 li permezz taghha eccepixxa illi:

1. Illi t-talbiet atrici huma nforndati fil-fatt u fid-Dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur, kif jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa fl-4 ta' Jannar, 2002 u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali u rat il-verbal tas-seduta ta' llum stess fejn l-attur ceda l-kawza fuq il-mertu u gietipprezentata nota konguntiva dwar l-ispejjez.

**Ghaldaqstant il-Qorti in vista ta' dawn tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kawza u tordna li l-ispejjez tal-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

Moqrija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------